

Verżjoni: fl-24 ta' Ġunju 2021

Statut għall-implimentazzjoni tar-regolamenti skont § 84(8) tat-Trattat dwar il-Midja tal-Istat biex tiġi ffaċilitata s-sejba ta' offerti privati¹

(Statut tal-Valur Pubbliku)

ta' ...

Fuq il-bażi ta' § 84(8) tat-Trattat dwar il-Midja tal-Istat (MStV) mill-14 sat-28 ta' April 2020 (... referenza), [isem l-awtorità tal-midja tal-istat federali], bi qbil mal-awtoritajiet l-oħra tal-midja tal-istat federali, b'dan tippromulga l-istatut li ġej:

Preambolu

Ir-rintraċċabbiltà qed issir dejjem aktar importanti għall-offerti tal-kontenut – speċjalment online. Il-kwantità u l-varjetà dejjem jiżdiedu ta' offerti qed jagħmluha dejjem aktar diffiċli għall-offerti ġurnalistiċi li jiswew ħafna, pereżempju, biex tiġi ġġenerata l-attenzjoni meħtieġa għall-finanzjament mill-ġdid.

Il-mekkaniżmu ta' rintraċċabbiltà faċli ta' ċerti offerti fuq l-interfaċċi tal-utent li huma partikolarment rilevanti għall-formazzjoni tal-opinjoni pubblika, kif previst fit-Trattat dwar il-Midja tal-Istat, isegwi l-objettivi tat-tiżiħ tad-diversità u filwaqt li jqis l-importanza dejjem akbar tar-rintraċċabbiltà. Hemm benefiċċju individwali dirett għall-benefiċjarji, li jaffettwa wkoll il-formazzjoni tal-opinjoni pubblika b'mod ġenerali. Ir-rintraċċabbiltà faċli hija maħsuba biex tkegġeg lill-atturi eżistenti li joffru kontenut rilevanti għall-formazzjoni tal-opinjoni pubblika kif ukoll biex jagħmlu dan l-impenn interessanti għal fornituri oħra.

§ 1

Skop

L-awtoritajiet tal-midja tal-istat jiddeterminaw il-fornituri tal-offerti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "offerti") kif definiti f'§ 84(3)(2) u (4) tal-MStV (proċedura ta' determinazzjoni) skont § 84(5) tal-MStV.

§ 2

¹ Notifikata f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta' tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

Eliġibbiltà għall-preżentata ta' applikazzjoni

Dawn li ġejjin huma eliġibbli biex japplikaw:

1. Skont § 84(3)(2) tal-MStV, l-offerti tax-xandir minn fornituri privati li jagħmlu kontribuzzjoni partikolari għad-diversità tal-opinjoni u l-offerti fil-Ġermanja, jew
2. skont § 84(4) tal-MStV, offerti ta' telemidja komparabbli simili għax-xandir jew offerti skont § 2(2)(14)(b) tal-MStV li jagħtu kontribut speċjali għad-diversità tal-opinjoni u l-offerti fil-Ġermanja, jew applikazzjonijiet ibbażati fuq softwer li jintużaw biex jikkontrollawhom direttament.

§ 3

Responsabbiltà u sejħa għall-offerti

(1) ¹Il-proċedura ta' determinazzjoni titmexxa mill-Kummissjoni għal-Liċenzjar u s-Superviżjoni (ŻAK) (§ 105(1)(9) tal-MStV). ²Titnieda sejħa konġunta għall-offerti mill-awtoritajiet kollha tal-midja tal-istat, li tqis l-opinjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati (GVK), għall-offerti tal-oqsma tal-awdjo u l-immaġni i jiċċaqilqu (vidjo). ³L-awtorità tal-midja tal-istat responsabbli għall-proċedura hija ddeterminata fl-offerti.

(2) Regolamenti addizzjonali dwar il-proċedura u r-rekwiżiti essenzjali għat-tressiq tal-applikazzjonijiet huma stipulati fl-offerti.

(3) Is-sejħiet għall-offerti huma ppubblikati mill-awtoritajiet kollha tal-midja tal-istat b'mod xieraq u fuq is-sit web taħt id-deżinjazzjoni ġenerali "l-awtoritajiet tal-midja".

(4) Il-proċess tal-offerti huwa skedat li jibda f'Settembru 2021.

§ 4

Applikazzjoni

¹L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi bil-miktub lill-awtorità responsabbli tal-midja tal-istat fi żmien l-iskadenza stabbilita fis-sejħa għall-offerti rispettiva. ²L-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumenti li jippermettu reviżjoni tal-kontribut għad-diversità tal-opinjoni u l-offerti tal-offerta rispettiva jew l-applikazzjoni bbażata fuq is-softwer u għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

1. Fatti li minnhom jirriżulta li l-offerta hija offerta ta' xandir privat skont § 84(3) tal-MStV jew offerta privata komparabbli ta' telemidja simili għax-xandir skont § 84(4) tal-MStV jew offerta skont § 2(2)(14)(b) jew applikazzjoni bbażata fuq software li tintuża biex tiġi kkontrollata direttament.
2. Deskrizzjoni tal-kontenut tal-offerta u spjegazzjoni dwar kif din tagħti kontribut speċjali għad-diversità tal-offerti u l-opinjoni fil-Ġermanja.

3. Informazzjoni dwar il-kriterji li għandhom jiġu osservati fid-determinazzjoni skont § 84(5) tal-MStV (MStV) u § 7.

§ 5 Proċedura

(1) ¹L-awtorità responsabbli tal-midja tal-istat teżamina l-applikazzjonijiet li tirċievi. ²Hija tiċċekkja jekk il-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-offerta rispettiva jew l-applikazzjoni bbażata fuq isoftwer rispettiva humiex sodisfatti skont §§ 2, 7 u 8.

(2) Il-Kummissjoni għal-Liċenzjar u s-Superviżjoni (ŻAK) tiddetermina permezz ta' riżoluzzjoni jekk il-kundizzjonijiet ikunux sodisfatti għal kull offerta jew għall-applikazzjoni rispettiva bbażata fuq isoftwer.

(3) ¹Id-determinazzjoni formali ssir mill-awtorità responsabbli tal-midja tal-istat. ²Hija marbuta bid-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni għal-Liċenzjar u s-Superviżjoni (ŻAK) f'dan ir-rigward.

§ 6 Tlestija tal-proċedura

(1) Id-deċizzjoni dwar l-applikazzjoni għandha tingħata lill-applikant permezz ta' att amministrattiv.

(2) Id-determinazzjonijiet li jsiru japplikaw f'kull każ għal perjodu ta' tliet snin mid-data mħabbra fl-att amministrattiv.

(3) L-applikant għandu jinnotifika minnufih lill-awtorità tal-midja tal-istat responsabbli dwar bidliet fl-offerta li jseħħu qabel jew wara d-deċizzjoni dwar l-applikazzjoni u li huma essenzjali għad-determinazzjoni skont §§ 7 u 8.

(4) Id-deċizzjoni skont § 6(1) tista' tiġi revokata mill-awtorità tal-midja tal-istat responsabbli jekk wara jseħħu bidliet materjali fl-offerta, li skonthom l-offerta ma tibqax tissodisfa §§ 7 u 8.

§ 7 Kriterji ta' determinazzjoni

¹Meta jiġu ddeterminati l-offerti skont § 84(3)(2) u (4) tal-MStV, għandhom jiġu kkunsidrati biss il-kriterji msemmija f'§ 84(5)

tal-MStV. ²Sakemm mhux definit mod ieħor fit-Trattat dwar il-Midja tal-Istat,

1. ir-rappurtar tal-aħbarijiet dwar avvenimenti politiċi jew kontemporanji huwa l-offerta ta' kontenut ġurnalistiku u editorjali li, abbażi tal-offerta kollha, juri kemm jista' jkun possibbli sezzjoni trasversali tas-sottooqsma ta' avvenimenti soċjali politiċi u kontemporanji rilevanti

- għall-formazzjoni tal-opinjoni pubblika u li l-enfasi tagħhom tkun fuq il-kopertura ta' avvenimenti reali;
- informazzjoni reġjonali u lokali kif definita f'§ 2(2)(25) tal-MStV hija informazzjoni li għandha konnessjoni ċara ma' oqsma relatati kulturalment u delimitati ġeografikament, li jistgħu jkunu wkoll transnazzjonali;
 - l-offerti tal-produzzjoni interna huma daww li l-produzzjoni u l-ipproċessar tagħhom jitwettqu u jiġu ffinanzjati kompletament jew prinċipalment mill-fornitur responsabbli għall-kontenut bil-mezzi ta' produzzjoni tagħhom stess jew huma prodotti bl-influwenza ġurnalistika u editorjali korrispondenti. Produzzjonijiet li huma prodotti għal kumpanija ta' produzzjoni wara li din tal-aħħar tkun ikkummissjonathom jitqiesu wkoll bħala produzzjonijiet interni;
 - Offerti mingħajr ostakli huma daww li huma aċċessibbli u li jistgħu jintużaw għall-persuni b'diżabilità fil-mod li ġeneralment ikun komuni għalihom, skont l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku rispettiv u billi jintużaw l-għajnuniet neċessarji mingħajr diffikultà partikolari u bażikament mingħajr assistenza minn barra;
 - Impjegati mħarrġa huma daww li jkunu lestew kors ta' taħriġ professjonali jew kors ta' studju korrispondenti rilevanti għall-kompitu ġurnalistiku jew tal-midja tekniku tagħhom fil-produzzjoni tal-programm jew li jistgħu jipprovdur prova ta' mhux inqas minn ħames snin ta' esperjenza professjonali. Xogħol awżiljari subordinat m'għandux jiġi inkluż;
 - Ix-xogħlijiet Ewropej huma daww definiti f'§ 2(3) tal-Istatuti Konġunti tal-Awtoritajiet tal-Midja tal-Istat dwar il-produzzjonijiet Ewropej skont § 77 tal-MStV u
 - offerti mmirati lejn gruppi ta' żgħażaġh fil-mira li jkunu mmirati b'mod ċar lejn tfal jew adulti żgħażaġh taħt l-età ta' 29 sena. Dan li ġej għandu jitqies:
 - Offerti li ma jistgħux jiġu interrotti minn reklamar bir-radju jew telebejgħ skont § 9(1) tal-MStV jew, fil-każ ta' kontenut imxandar li huwa simili fl-orjentazzjoni tal-kontenut li għandu jiġi kklassifikat, ma jistgħux jiġu interrotti minn reklamar bir-radju jew telebejgħ skont l-Artikolu 9(1) tal-MStV (offerti għat-tfal);
 - Offerti li, skont kunsiderazzjoni ġenerali każ b'każ tal-kontenut, il-forma u l-ħin tax-xandir, huma mmirati b'mod ċar lejn grupp fil-mira ta' bejn 14 u 29 sena (offerti għall-adoloxxenti u adulti żgħażaġh), sa fejn jiffukaw fuq informazzjoni kif definita § 2(2)(25) tal-MStV.

§ 8

Prinċipji bażiċi ta' determinazzjoni

Id-determinazzjoni ssir b'perspettiva ġenerali bbażata fuq il-prinċipji bażiċi li ġejjin:

- Offerti, li bażikament ma jikkonformawx mal-prinċipji ġurnalistiċi rikonoxxuti u rekwiżiti oħra tat-Trattat dwar il-Midja tal-Istat, mhumiex adattati biex jagħtu kontribut notevoli għad-diversità tal-opinjonijiet u l-offerti.
- Sakemm il-ħtiġijiet statutorji korrispondenti jkunu rilevanti għall-kriterji stabbiliti f'§ 7, huma biss il-miżuri li jmorru lil hinn mit-twettiq ta' dawn il-proġetti statutorji li għandhom jitqiesu fid-determinazzjoni.
- Fid-determinazzjoni ta' kontribut speċjali għad-diversità tal-opinjonijiet u l-offerti, għandha tingħata preferenza għall-qsim tal-ħin tal-kopertura tal-aħbarijiet ta' avvenimenti politiċi u

kontemporanji u l-qsam tal-ħin tal-informazzjoni reġjonali u lokali kif ukoll is-sehem ta' offerti għal gruppi żgħażaġħ fil-mira.

4. Fil-każ ta' offerti ta' xandir kif definiti § 84(3)(1) tal-MStV, ir-regolarità tax-xandira, it-tul u l-ħin tal-iprogrammar tal-programmi rilevanti għandhom jitqiesu fir-rigward tal-kriterji skont § 7(1), (2), (4) u (7).
5. Fil-każ ta' offerti tat-telemidja kif definiti f'§ 84(4) tal-MStV, l-aġġornament perjodiku, iż-żmien jew kamp ta' applikazzjoni ieħor kif ukoll it-tqegħid u l-aċċessibbiltà fl-offerta tat-telemidja għandhom jitqiesu fir-rigward tal-kriterji skont § 7(1), (2), (4) u (7).
6. bħala parti mid-determinazzjoni ta' proporzjon oġġla ta' persunal imħarreġ kif definit f'§ 7(5), li għandu effett pożittiv fuq il-grad partikolari ta' kontribuzzjoni għad-diversità tal-opinjoni u l-offerti, għandhom jitqiesu biss il-proporzjonijiet ta' persunal imħarreġ mal-persunal li għadu qed jiġi mħarreġ ta' mill-inqas tlieta għal kull wieħed.

§ 9

Implimentazzjoni

(1) Ladarba l-proċedura ta' determinazzjoni tkun tlestiet, l-awtoritajiet tal-midja tal-istat se jipubblikaw lista tal-offerti ta' immaġni li jiċċaqilqu (vidjo) u lista għall-offerti ta' awdjo fuq is-sit web taħt id-deżinjazzjoni ġenerali "l-awtoritajiet tal-midja" għall-implimentazzjoni mill-fornituri tal-interfaċċi għall-utenti.

(2) L-issortjar jew l-arranġament ta' offerti jew kontenut għandu jkun individwalizzat faċilment u b'mod permanenti mill-utent.

(3) ¹L-ordni tal-listi stabbilita mill-Kummissjoni għal-Liċenzjar u s-Superviżjoni (ŻAK) bħala l-korp tat-tmexxija tal-awtorità responsabbli tal-midja tal-istat tirriżulta mill-opinjoni ġenerali mwettqa skont §§ 7 u 8. ²Jekk u sal-estent li l-fornitur ta' interfaċċja tal-utent juri ordni fl-issortjar u fl-arranġament tal-offerti, il-listi għandhom iservu għall-implimentazzjoni mill-fornituri tal-interfaċċi tal-utent.

(4) L-awtorità responsabbli tal-midja tal-istat għandha l-kompitu li taħdem lejn ftehim mal-fornituri tal-programmi ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet statutorji u l-offerti assoċjati tat-telemidja fir-rigward tal-ordni ta' preżentazzjoni.

§ 10

Dħul fis-seħħ

¹Dan l-istatut għandu jidhul fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2021. ²Jekk, sal-31 ta' Awwissu 2021, l-istatuti korrispondenti ma jkunux ġew promulgati u ppubblikati mill-awtoritajiet tal-midja tal-istat federali kollha, dan l-istatut ma għandux jibqa' validu. ³Il-President tal-Konferenza tad-Diretturi tal-Awtoritajiet tal-Midja tal-Istat Federali (DLM) għandu jipubblika fuq l-internet taħt il-marka globali "l-awtoritajiet tal-midja" jekk l-awtoritajiet tal-midja tal-istat federali kollha jkunux ippromulgaw u ppubblikaw statuti korrispondenti fil-perjodu speċifikat fis-Sentenza 2.